MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Numru. 444/2012

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Apap, ta` 41 sena, iben Carmelo u Anne nee Cassar imwieled l-Pieta` fl-21 ta` Marzu ta` l-1971. Residenti 140, St. Nicholas Flats, Triq Patri Guzeppi Calleja, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 196471M.

Talli;

Nhar l-20 ta` Novembru 2011 ghal habta tas-18:30hrs fi St Nicholas Flats fi triq Patri Guzepp Calleja San Pawl il-Bahar.

1) Volontarjament ghamel hsara fuq il-bieb tar-residenza u tieqa, propjeta ta` Anthony Carmel Sacco, liema hsara taccedi il-valur ta` mijja u sittax il- ewro u sittax il- centemzmu (€116.47) izda ma tiskorrix l-elf, mijja u erba u sittin ewro, u disgha u sitting centezmu(€1164.69),

2) Kif ukoll talli kiser il-paci u l-ordni pubbliku b`ghajjat jew glied.

3) Kif ukoll talli qal kliem oxen fil-pubbliku.

4) Kif ukoll talli sar recidiv b`diversi sentenzi moghtija mill- Qorti ta` Malta liema sentenzi saru definitive u ma jistaw jigu mibduwla.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-imputat u l-parti leza kienu rrikonciljaw fil-mori tal-kawza, u li l-imputat kien lest jaghmel tajjeb ghad-danni li hu kkawza lill-istess parti leza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 325(1)(a), 338(bb), 338(dd), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti issib lill-istess imputat hati tal-akkuza numru 1 u ghal daqstant qegheda tikkundannah ghal twiddiba u canfira;
Filwaqt li qegheda tilliberah ta` l-akkuzi numri 2 , 3 u 4 skond kif gew dettota kontra tieghu.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**ANTHONY J. VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------